MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 270/2007

**Harbour Management Limited**

**Vs**

**Raymond sive Ray Scott**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'Awwissu 2007 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut thallasha s-somma ta' erbat elef disgha lija u erbgha u tlettin euro u sitta u sittin cetnezmu euro (LM4934.66) ekwivalenti ghall-hdax-il elf erbgha mija tnejn u disghin euro u tnejn u tmenin euro centezmu (Euro 11,492.82) rapprezentanti 'n kwantu ghal LM1,300.26 bilanc minn somma akbar fuq fattura numru 11707 datata tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2004, kwantu ghal LM1,817.20 skond fattura numru 1746 datata l-ewwel (1) t'Ottubru 2006 u 'n kwantu ghal LM1817.20 skond fattura numru 1321 datata sbatax (17) ta' Jannar 2007, dan kollu fuq

servizzi ta’ rmigg fuq bastiment bl-isem ta’ ‘White Star’ oltre ghall-VAT relattiv, liema servizzi gew provduti lilu fuq rikjesta tieghu u sallum ghadhom ma thalsux, hekk kif indikat ahjar f’prospett u kopji ta’ fatturi relattivi, hawn ilkoll annessi u mmarkati rispettivament bl-ittra ‘A’ sa ‘D’.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja datata sebgha (7) ta’ Gunju 2007 (vera kopja Dok. E annessa) u bl-imghaxijiet bl-ghola rata skond il-ligi, mid-data ta’ hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontrih u l-konvenut hu minn issa ‘ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bir-rikors in kwistjoni nhar l-ewwel (1) t’Awwissu 2008 kif jirrizulta mic-certifikat ta’ servizz mahrug fl-Ingilterra esebit fl-atti permezz ta’ nota tar-Registratur tal-Qorti, Aldo Testone nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t’Awwissu 2008 (fol. 52)

Rat illi fis-seduta tal-ghoxrin (20) t’Ottubru 2008 l-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas dovut minnu lis-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ hdax il-elf erbgha mija tnejn u disghin euro u tnejn u tmenin euro centezmu (Euro 11,492.82) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------